## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JOSEPH MUSCAT (KI. 476085M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17/01/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Billi int akkuzat talli nhar it- 28/07/2021 ghall- habta ta' 20:00hrs fi Triq Santa Rita, Rabat Malta waqt li kont qed taghmel uzu min vettura COM595**

1 Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni Kap 104 Artiklu 3 (1)

2 Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan. Kap 65 Artiklu 15 (1)(a), (3)

3 Inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-pulizija jew minn gwardjan lokali, waqt li kont qed issuq jew kellek fil-kontroll tieghek vettura bil-mutur. L.S. 65.11 Artiklu 124 (1)

4 Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont. Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2)

5 Soqt l-imsemmija vettura waqt li kellek il-licenzja tas-sewqan sospiza u meta kont hekk skwalifikata milli ssuq il-vettura. Kap 65 Artiklu 59

6 Waqt li kont qed issuq l' imsemmija vettura nqast li tilbes cintorin tas-sigurta. L.S. 65.12 Artiklu 3

7 Bil-hsieb biss li taghmel uzu temporanju soqt xi vettura, kemm jekk immexxija b`forza mekkanika, kemm b`mezz iehor, minghajr il-kunsens tas-sid taghha jew ta`xi awtorita` kompetenti. Kap 65 Artiklu 61 (1)

8 Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28/07/2021 mil Mgt. Dr. Y. Micallef Stafrace LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula. Kap 9 Artiklu 49, 50

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1222 Karl Vella Cassia (affidavit), PC 960 Pierre Vassallo u Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur);

Rat il-korrezzjoni ordnata mill-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 fis-sens illi d-data tas-sentenza indikata fl-imputazzjoni numru tmienja (8) fiċ-ċitazzjoni tiġi taqra "2 ta' Marzu 2020";

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjonijiet numru tnejn (2) sa' tmienja (8)*

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet numru tnejn (2) sa' tmienja (8) u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu sabiex jerġa jaħsibha.

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru tmienja (8) u ċioe l-addebitu tar-reċidiva l-Prosekuzzjoni kienet jeħtieġilha minimament li tressaq:

1. prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (inter alia permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni),
2. prova dwar il-konnotati (li għandhom ikunu preżenti fis-sentenza/i esebita/i), u
3. prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat u li f'każ ta' imposizzjoni ta' multa, li l-multa tkun effettivament tħallset.

Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena:

> ***« Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …. »*** **(Il-Pulizija v. Jason James Agius - Qorti tal-Appell Kriminali, 105/2001 PV, 05/11/2001)**

*« Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkużata bir-recidiva. »* (Il-Pulizija v. Joseph Zahra - Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 272/2002 VDG, 24/02/2003)

F'din l-aħħar sentenza intqal ukoll mill-Prim' Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano illi:

*« il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l-istess individwu tkun inghatat minn dik il-Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall-htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar-recidiva beyond reasonable doubt kif suespost. »*

F'din il-kawża l-Prosekuzzjoni esebiet oltre l-fedina penali tal-imputat, vera kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fit-2 ta' Marzu 2020 liema sentenza ma' fiha l-ebda konnotati u lanqas ma' fiha xi ħjiel dwar ir-reati li tagħhom l-imputat jidher li kien instab ħati. Biss pero l-imputat ammetta b'mod inkundizzjonat fost oħrajn l-imputazzjoni li tressqet kontrih fir-rigward tar-reċidiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **'Il-Pulizija v. Timothy Joe Forace'** (30/09/2021, App. Nru. 479/2017, Imħallef Aaron M. Bugeja) stqarret kif ġej:

*« F'dan il-każ ukoll ma jirriżultax li l-appellant talab li jressaq xi provi partikolari. B'hekk meta l-appellant, tajjeb jew ħażin, għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva, huwa kien qiegħed joqgħod għall-ġudizzju li kienet obbligata tgħaddi fuqu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tagħtih il-piena skont il-Liġi fuq dak li jkun irriżultalha... Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument*

***kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi. »***

Hekk ukoll irriteniet l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>'Il-Pulizija v. Sean Farrugia'</u>** tal-20 ta' Novembru 2020:

***« Fir-rigward tal aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv sempliciment a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara. L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu stess. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud. »***

Fuq l-insenjament ta' dawn is-sentenzi u oħrajn bħalhom din il-Qorti għalhekk kienet propensa tqis din l-imputazzjoni ppruvata nonostante illi l-Prosekuzzjoni ma' ressqitx provi suffiċjenti f'dan ir-rigward. Madanakollu l-Qorti tara ukoll illi fis-sentenza mogħtija lilu minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu 2020 l-imputat kien ġie mogħti l-fakolta' sabiex iħallas il-multa imposta fuqu ta' € 1,432 fuq perjodu ta' tlett snin liema perjodu naturalment kien għadu ma' skadiex meta l-imputat wettaq ir-reati addebitati lilu f'din il-kawża. Għalhekk nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-Qorti għalkemm sejra tiddikjara lill-imputat bħala reċidiv taħt l-Art. 49 tal-Kap. 9, m'hijiex ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 50 fil-konfront tiegħu.

*Imputazzjoni numru wieħed (1)*

Jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati in atti senjatament miċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni esebit fl-atti illi fil-ġurnata in kwistjoni l-vettura msemmija kienet koperta minn polza ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' riskji ta' terzi persuni. Kif diġà kellha l-opportunita tgħid f'sentenza oħra passati, fil-fehma tal-Qorti l-elementi neċessarji ghall-vjolazzjoni ta' dan l-artiklu huma s-segwenti:

- L-imputat/a: Fil-każ ta' "użu" l-imputat jista' jkun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taħt il-liġi. Fil-kaz ta' "ġiegħelt jew ħallejt", l-imputat jrid ikun sid il-vettura, xi ħadd li għandu pussess tagħha jew inkella xi ħadd li lilu ġiet fdata l-vettura. Għalkemm l-Artikolu 3(1) ma' jispeċifika xejn f'dan ir-rigward, il-persuna li ġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tuża vettura mingħajr kopertura lil terzi trid tkun neċessarjament jew sid il-vettura jew persuna li għandha pussess tagħha inkella persuna illi mill-provi jirriżulta illi lilha ġiet fdatha, mqar b'mod temporanju, l-vettura in kwistjoni.

  F'dan il-kaz, mill-provi esebiti u mill-ammissjoni tal-imputat għall-bqija tal-imputazzjonijiet rriżulta ampjament illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq mill-imputat. Dan l-ewwel element huwa għaldaqstant sodisfatt.

- Il-vettura bil-mutur: Haġa minn ewl id-dinja illi trid tintuża "*vettura bil-mutur*" sabiex dan ir-reat jissussisti. F'dan il-każ, il-vettura bil-mutur li intużat kienet il-vettura tal-għamla Fiat Abarth bin-numru ta' reġistrazzjoni COM 595. Dan l-element huwa għalhekk sodisfatt.

- Il-lok: Il-vettura bil-mutur trid tintuża fit-toroq. Li jfisser dan illi l-vettura trid tkun qed tiġi effettivament misjuqa fit-triq. F'dan il-każ, dan l-element huwa ukoll sodisfatt ġaladarba jirriżulta mill-provi illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq ġewwa Triq Santa Rita, Rabat (Malta).

- L-użu tal-vettura (mill-persuna li tużha jew li ġiet permessa jew mġiegħla tużha) ma' jkunx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni: Dwar dan l-aħħar element, il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta'

Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, ġiet promulgata permezz tal-Ordinanza XXXVI tal-1939 (permezz ta' proklama li ġiet sussegwentement revokata l-Ordinanza baqgħet ma' daħlitx fis-seħħ qabel l-1947) bħala, dak iż-żmien, il-Kap 165 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artiklu 3(1) in kwistjoni mill-bidu nett kien jaqra eżattament kif jaqra llum il-ġurnata u m'huwiex il-każ, kif ġieli ġie argumentat quddiem il-Qrati tagħna, illi wara li Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja kellu jinbidel dan l-artiklu tal-liġi biex jiġi ċċarat illi hija l-vettura li għandha tkun koperta u mhux neċessarjament il-persuna li tużaha.

Polza tal-assigurazzjoni ta' vettura hija tipikament (għalkemm mhux esklussivament) maħruġa jew "*Fully Comprehensive*" jew "*Third Party, Fire & Theft*" jew inkella "*Third Party Only*". It-tlett tipi ta' polza għandhom lkoll xi ħaġa in komuni: dik li t-terza persuna, tkun min tkun, hija koperta mill-assigurazzjoni u f'każ illi dik it-terza persuna ssofri danni, sew għall-proprjeta' tagħha u/jew għall-persuna tagħha, din tkun tista' tagħmel *claim* u titlob kumpens għar-risarċiment tad-danni. Bil-liġi (ossia taht l-Art. 4 tal-Kap. 104), kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura trid tkun minimament tkopri t-terzi persuni. Fi kliem ieħor, **m'huwiex possibbli illi kumpanija ta' assigurazzjoni toħroġ polza ta' assigurazzjoni ta' vettura mingħajr ma' tkopri t-terz**.

Naturalment min jaffordja u jiflaħ iħallas ftit iżjed, jista' jkopri r-riskji tiegħu ukoll u/jew ta' min ikun qiegħed isuq. Hawn min jkopri r-riskji tiegħu u/jew tas-sewwieq f'kaz illi jsofri danni li jirriżultaw minn nar jew serq ("*Third Party, Fire & Theft*") u hawn min jagħżel dik il-polza li tissejjah *"Fully Comprehensive*" u b'hekk ikopri ħafna mid-danni li jista' jsofri hu jew is-sewwieq kemm fil-persuna tiegħu u kemm fil-vettura tiegħu.

Kwalunkwe polza ta' assigurazzjoni tas-sewqan tiġi maħruġa lill-*policyholder*, li f'dan il-każ ma' kienx l-imputat (iżda kienet ommu, ċertu Carmen Muscat) u tispeċifika ukoll dawk il-persuni li jkunu awtorizzati li jsuqu l-vettura, li f'dan il-każ kienu: "*The Policyholder and Any Driver Aged 25 Years and Over Driving on the Policyholder's order or permission"*. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat stante illi allegat li fid-data in kwistjoni ma' kellux liċenzja tas-sewqan valida u li din kienet ġiet sospiża.

F'każ ta' inċident fit-triq (xi ħaġa li ma' ġratx fil-każ odjern) il-*Policyholder* u l-imputat x'aktarx kien ikollhom problema għar-risarċiment tad-danni mingħand il-kumpanija tal-assigurazzjoni għaliex din kienet tkun iżjed iva milli le intitolata tirrifjuta l-kopertura abbażi ta' esklużjoni mill-polza stess. **Fi kwalunkwe każ però din tkun kwistjoni ta' natura ċivili u m'hijiex ta' rilevanza għall-kamp kriminali**. Li huwa rilevanti, anzi kruċjali għall-fini tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi għal din il-kawza, huwa illi għall-użu ta' dik il-vettura tkun teżisti polza ta' assigurazzjoni li tkun *in vigore*. Jekk tali polza tkun teżisti, allura t-terz **dejjem** ikun protett (ħlief f'ċertu każijiet speċifiċi elenkati fil-liġi u li ma' japplikawx għal dan il-każ) għaliex jiġri x'jiġri, tkun qed tinstaq minn min tkun qed tinstaq, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun obbligata tagħmel tajjeb għad-danni li t-terz jsofri b'kawża tal-użu tal-vettura. Għalhekk f'dan il-każ il-kumpanija tal-assigurazzjoni xorta waħda tkun obbligata tikkumpensa lit-terz għad-danni subiti minnu, naturalment dejjem jekk l-istess terz huwa ċivilment intitolat għal tali kumpens. Dan ir-risarċiment mhux neċessarjament li jseħħ awtomatikament imma eventwalment isir. Filfatt it-terza persuna tista' anke tiftaħ kawża ċivili fil-Qorti jew fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, skond il-valur tal-każ, kontra l-persuna assigurata bil-polza u f'kaz ta' sentenza favur it-terz, l-assiguratur huwa obbligat taħt l-Art. 10(1) tal-Kap. 104 illi jħallas lill-istess terz **anke jekk l-assiguratur ikun intitolat jannulla jew iħassar il-polza.** Naturalment imbagħad l-istess assiguratur ikollu d-dritt li jitlob risarċiment tad-danni mingħand l-assigurat – materja li hija ukoll ta' natura ċivili.

Dan kollu jfisser illi fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura u kkawża d-danni kellux liċenzja tas-sewqan jew le, għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le. It-terz dejjem protett jekk fis-seħħ ikun hemm polza ta' assigurazzjoni tal-vettura.

It-terz ma' jkunx protett biss jekk fid-data ta' xi inċident li jkun involut fih hu **ma' jkunx hemm fis-seħħ** polza ta' assigurazzjoni għal dik il-vettura **u huwa dan il-każ illi ried**

**jipprevjeni milli jiġri l-leġislatur permezz tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta**. F'każijiet bħala dawn, it-terz xorta jista' jkollu forma ta' protezzjoni billi japplika lill-Fond għal Protezzjoni u Kumpens taħt l-Art. 9D(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta però dan mhuwiex desiderabbli u hija sitwazzjoni bħal din illi l-leġislatur ried jipprevjeni milli tiġri permezz tal-Art. 3(1). Fil-każ odjern il-polza tal-assigurazzjoni tkopri l-perjodu ta' bejn it-28 ta' Mejju 2021 u l-10 ta' Diċembru 2021 u għaldaqstant tkopri anke dak kollu li seta' ġara lit-terz fid-data tal-allegat reati kommessi mill-imputat.

Il-Qorti tapprezza li jista' jkun hemm interpretazzjonijiet diverġenti dwar dan il-punt. Matul is-snin din il-Qorti u anke l-Qorti tal-Appell ġieli ddeċidew illi l-kliem *"għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra"* fl-Art. 3(1) tal-Kap. 104 jfissru illi l-polza tal-assigurazzjoni għanda tkopri **il-persuna li tkun qed tuża l-vettura** u mhux tant il-vettura nnifisha. Li jfisser dan li jekk għal xi raġuni l-imputat ikun eskluż mill-kopertura (per eżempju għaliex m'għandux liċenzja tas-sewqan jew għaliex għandu inqas minn 25 sena u ma' jkunx "*sewwieq awtorizzat*" speċifikat fil-polza) allura huwa jkun ħati tal-akkuża miġjuba kontrih taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti ma' taqbilx ma' din l-interpretazzjoni u taqbel iżjed mal-posizzjoni li kemm il-darba ttieħdet mill-Qorti tal-Appell, bħal per eżempju fil-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015) fejn kien intqal hekk:

> *"… Id-diċitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.* ***Is-sempliċi fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi għal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu*** (sottolinear u emfasi miżjuda minn din il-Qorti). *Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal għal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress ċivili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Iżda tali kwistjonijiet ta' natura ċivili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma għal kollox estranei għal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni"*

> Lanqas ma' taqbel din il-Qorti ma' posizzjoni li ġieli ttieħdet mill-Qrati tagħna fil-passat fis-sens illi sabiex ixejjen il-presunzjoni li wettaq reat taħt l-Artikolu 3(1), l-imputat jeħtieġlu jippreżenta xi dikjarazzjoni mill-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħu illi l-polza tkopri ukoll terzi persuni. Din hija xi haġa preżunta u *semmai* għandha tkun il-prosekuzzjoni illi f'każ illi l-imputat jipproduċi bħala prova tiegħu polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-użu tal-vettura, iġġib prova illi minkejja l-eżistenza ta' dik il-polza, jeżistu ċirkustanzi (fosthom dawk kontemplati taħt l-Art. 10(2) jew (3) tal-Kap. 104) li minħabba fihom **terzi persuni** jistgħu ma' jkunux koperti.

Fil-każ in kwistjoni kif diġà inghad, mill-provi joħroġ illi fir-rigward tal-użu tal-vettura kien hemm eżistenti fil-ġurnata tal-allegat reat, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u għalhekk din l-imputazzjoni ma' tistax tirriżulta.

*Piena*

Dwar il-piena, kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll l-avukat tad-difiża waslu għal patteggjament informali quddiem il-Qorti fejn giet mitluba li din tapplika piena li tmur viċin il-minimu, fejn dan ikun applikabbli. Minkejja li l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dan il-patteggjament anke minħabba l-informalita' tieghu (ċioe' m'huwiex regolat taħt l-Art. 392A(5) tal-Kap. 9) u tista' filfatt teroga piena differenti minn dak informalment miftiehem quddiemha, madanakollu hija prassi komuni quddiem din il-Qorti, illi mhux ta' min jinjoraha, illi sabiex jitħaffew il-proċeduri, id-difiża u l-prosekuzzjoni jiddikjaraw quddiem il-Qorti li qed jaqblu fuq piena partikulari, liema piena imbaghad tkun għad-diskrezzjoni tal-Qorti jekk għandiex tiġi applikata jew le.

F'dan il-każ il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni a favur l-imputat il-fatt illi huwa rreġistra ammissjoni bikrija fis-sens illi għamel dan fl-ewwel seduta fejn huwa deher quddiem din il-Qorti. Madanakollu l-Qorti qieset ukoll, din id-darba kontra l-imputat, l-atteġġjament menefregista li jirriżulta li wera kemm fil-konfront tal-uffiċjal tal-Pulizija (PC 960 Pierre Vassallo) u kemm fis-sewqan tiegħu, u inoltre l-fatt illi b'ammissjoni tiegħu stess huwa kien diġa, ċirka sena u erba' xhur qabel, nstab ħati ta' reati in konnessjoni ma' ksur ta' regolamenti tat-traffiku fejn fost affarijiet oħra kien ġie skwalifikat milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija u wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia l-Kap 65 Art. 15(1)(a), 59 u 61(1), il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 Art. 124(1), il-Leġislazzjoni Sussidarja 65.12 Art. 3, u l-Kap. 9 Art. 49, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru wieħed (1) u tmienja (8) (fis-sens illi ssibu reċidiv għall-finijiet tal-Art. 49 tal-Kap. 9 iżda mhux tal-Art. 50 tal-istess Kap. 9), ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), u sebgħa (7) u tikkundannah iħallas multa komplessiva ta' elf u mitt euro (€ 1,100). B'żieda mal-piena l-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' erba' (4) xhur (Kap. 65 Art. 15(2)).**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**
**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**